**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tlieta 28 ta` Mejju 2019**

**Kawza Nru. 5**
**Rik. Nru. 750/2009/3 JZM**

**Fl-Atti tal-Proceduri 750/2009 JZM**

**Arkitett Raymond Vassallo, ID 107544(M)**

***u***

**ghal kull interess li jista` jkollha martu Mariella Vassallo, ID 2649(M)**

***kontra***

**Anthony Parlato Trigona u Ingrid Parlato Trigona, mizzewgin ;**

**William Carbonaro u Gabriella Carbonaro, mizzewgin ;**

**Edward Micallef u Anna Micallef, mizzewgin ;**

***u***

**Regent Holdings Limited (C-2130) ghal kull interess li jista` jkollha**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors tat-3 ta` Settembru 2018, fejn ghar-ragunijiet hemm indikati, ir-rikorrenti talbu sabiex :

***fl-interess ta`gustizzja ahjar tirrevoka id-digriet tal-31 ta` Jannar 2017, contrario imperio, u minflok, taghti kull direttiva u rimedju opportun fic-cirkostanzi, inkluz jekk ikun il-kaz li tordna x-xoljiment tas-socjeta` Regent Holdings Limited, u dejjem taht il-provvedimenti li jidhrilha xierqa.***

Rat id-digriet taghha tal-4 ta` Settembru 2018.

Rat ir-risposta li pprezentaw l-intimati fit-23 ta` Ottubru 2018 fejn ghar-ragunijiet hemm indikati talbu lil din il-Qorti sabiex tichad it-talba.

Rat id-digriet taghha l-iehor tat-2 ta` Novembru 2018 fejn appuntat ir-rikors ghas-smigh u trattazzjoni ghall-udjenza tal-10 ta` Jannar 2019 fl-10.00 a.m.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-10 ta` Jannar 2019.

Semghet is-sottomissjonijiet li saru dwar it-tieni eccezzjoni fl-udjenza tas-26 ta` Frar 2019.

Rat illi l-procediment thalla ghal-lum ghal provvediment dwar it-tieni eccezzjoni.

Rat l-atti l-ohra.

**Ikkunsidrat :**

Bit-tieni eccezzjoni, qeghda tkun invokata **__fis-sostanza__** l-improponibilita` u/jew irritwalita` tal-procedura adoperata mir-rikorrenti sabiex jitolbu r-revoka tal-provvediment ta` din il-Qorti tal-31 ta` Jannar 2017. Ghalhekk **__indipendentement__** mir-ragunijiet fil-mertu li gabu `l quddiem ir-rikorrenti sabiex iressqu t-talba kif dedotta, in vista tat-tieni eccezzjoni, il-Qorti hija obbligata li tistharreg *in primis* jekk ir-rikorrenti kellhomx jedd jipproponu t-talba bi procedura fejn jitolbu revoka tal-provvediment *contrario imperio.*

**Ikkunsidrat :**

It-tieni eccezzjoni kif dedotta tikkostitwixxi pregudizzjali jew ostakolu ghall-konsiderazzjoni tal-mertu tal-istanza tar-rikorrenti.

**Fl-assenza ta` disposizzjoni fil-Kap 386 li tahseb ghall-mod kif jigi kontestat provvediment finali ta` qorti dwar procediment li jittratta l-applikazzjoni tal-Art 402 tal-Kap 386, il-Qorti trid thares lejn il-gurisprudenza tal-qrati taghna, mhux daqstant ghaliex fl-ordinament guridiku taghna tvinci *the rule of precedent* izda ghaliex pronunzjamenti tal-Qorti tal-Appell ghalkemm mhux vinkolanti *ex lege* jgorru piz decizorju qawwi.**

**Fil-fehma ta` din il-Qorti, id-direzzjoni li tohrog mill-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell f`materji relatati ma` kawzi li jittrattaw l-Art 402 tal-Kap 386 illum hija cara u ma taghti lok ghal ebda ekwivoci.**

Il-posizzjoni tal-qrati taghna llum hija kristallizzata fis-sentenzi li tat il-Qorti tal-Appell fil-kawzi fl-ismijiet "**__Jonathan Shaw et pro et noe vs David Alan Shaw et__**" tas-27 ta` Novembru 2009 u "**__Suzanne Busuttil et pro et noe vs Francis Busuttil & Sons Limited et__**" tal-31 ta` Jannar 2014.

**Bl-aktar mod car u inekwivoku, din il-gurisprudenza teskludi li l-provvediment li r-rikorrenti qeghdin jitolbu li jkun revokat *contrario imperio* ghar-ragunijiet indikati jista` mpunjat bil-mod u manjiera li qeghdin jipproponu, ghal ragunijiet ta` irritwalita` u ta` mproponibilita`.**

**Ir-ragunijiet ghal dan johorgu mill-gurisprudenza fuq citata.**

**A skans ta` repetizzjoni, din il-Qorti qeghda tirreferi bis-shih ghall-gurisprudenza citata, ghaliex *mutatis mutandis* tqis li tghodd ghall-fattispeci tal-kaz tal-lum.**

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti, filwaqt li qeghda tilqa` t-tieni eccezzjoni, qeghda tichad it-talba tar-rikorrenti kif dedotta.**

**Spejjez ghar-rikorrenti.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**